**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 130 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mandy Cassar**

Illum, 20 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata detentrici tal-karta ta' l-identita numru 446380 (M), imwielda fid-19 ta' Settembru 1980 u residenti 75, Casa Kimron, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Sta Venera, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Talli nhar il-23 ta' Jannar, 2020, ghall-habta ta' bejn s-14:15hrs u s-14:30hrs waqt li kienet fi Triq il-Mall, Floriana:

i) Hebbejt ghall-zewgek Wayne Cassar u kkagunajtlu offiza ta' natura hafifa, kif ukoll;

ii) Hebbejt kontra l-persuna ta' Wayne Cassar, sabiex tingurjah, iddejqu jew sabiex taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor. (Kap 9, Art. 221 (3), 339 (1) (d)).

Il-Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9 u dan ghas-sigurta' ta' Wayne Cassar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat illi l-parte civile ma deherx ghal dawn il-proceduri ghalkemm debitament notifikat, illiberat lill-imputata fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghogobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Rat illi fit-28 ta' Lulju 2020, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta ghaddiet sabiex taghti s-sentenza taghha fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u lliberat lill-appellata Mandy Cassar ghar-ragunijiet citati aktar -il fuq;

Illi, jibda' biex jinghad illi mill-atti processwali tal-proceduri odjerni jirrizulta li saret seduta wahda biss, u cioe dik tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);

Illi, mill-verbal ta' din l-istess seduta, jirrizultaw is-segwenti:

- Dehret l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Sarah Magri.
- Dehret l-imputata assistita minn Dr Lennox Vella.
- Il-parte civile imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx.
- L-Ufficjal Proskutur pprezentat riferta postittiva tal-parte civile.
- Id-difiza talbet il-liberatorja.
- L-Ufficjal Prosekutur talab li jinhareg mandat t'akkompanjament fil-konfront tal-parte civile.
- Il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza.
- Il-Qorti illiberat lill-imputata Mandy Cassar fuq nuqqas ta' provi;

Illi, primarjament irid jibda' billi jinghad illi, minn dak li inghad iktar 'il fuq, ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx l-artikolu specifiku li hija applikat proceduralment fis-sentenza taghha fil-konfront ta' l-appellata, il-probabbilita' hija li l-istess Qorti applikat il-procedura stipulata fl-Artikolu 374 (c) u (d) tal-Kodici Kriminali u dana dejjem in vista tal-kunsiderazzzjonijiet maghmula mill-istess Qorti, kif imsemmija aktar -il fuq;

Illi, f'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi l-procedura stipulata ai termini tal-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali[1] **ma hijiex** applikabbli ghal-kaz odjern u dana ghaliex l-imsemmi artikolu espressament jistipula is-segwenti:

*"Fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz, ghandhom jitharsu d-disposizzjonijiet li gejjin ..."*

Illi, *in oltre*, l-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jistipola f'liema kazijiet l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz -

*"Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz."*

Illi, f'dan ir-rigward, irid jigi rilevat illi r-reati li bihom kienet akkuzata l-appellata Mandy Cassar m'humiex reati prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza izda huma reati prosegwibbli *ex officcio* mill-Pulizija Ezekuttiva. Dana qieghed jinghad il-ghaliex sabiex reat ikun prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza huwa necessarju illi l-ligi tiddisponi espressament li tkun mehtiega l-kwerela privata[2]. Kuntrarjament ghal dan, fil-kaz tar-reati addebitati lill-appellata, il-ligi nostrana ma tistipulax tali rekwizit u ghalhekk isegwi illi fil-kaz odjern l-azzjoni kriminali ma tmissx lill-parti leza;

Illi, *in oltre*, hekk kif jirrizulta mill-verbal ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-proceduri fil-kaz odjern tmexxew propju mill-Pulizija Ezekuttiva. Filfatt, fil-proceduri odjerni l-parti offiza hija semplici xhud (anke jekk xhud indispensabbli) tal-Prosekuzzjoni u dana dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet spettanti lill-parti offiza ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali li fl-ebda hin ma huma qed jigu kkontestati. B'hekk isegwi illi l-attendenza *o meno* ta' l-istess parti leza u cioe' ta' Wayne Cassar ma kellha taffettwa bl-ebda mod l-proceduri odjerni;

Illi f'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi minkejja l-fatt illi l-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja u kwindi huwa rikonoxxut li tali kawza ma ghandhiex iddum tkaxkar inutilment, dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti milli

---

[1] Li fost affarijiet ohra jistipula s-segwenti, fis-subartikolu (c): *jekk ma tidher ebda wahda mill-partijiet, il-kawza tigi mhassra mil-lista* u fis-subartikolu (d): *jekk fl-ewwel seduta ma jidhrix il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat, dan jista' jitlob li jigi lliberat.*

[2] Artikolu 543(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

taggorna s-smiegh tal-kawza ghal data ohra u dana dejjem konsiderando r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Filfatt anke jekk wiehed jara l-Artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali li jittratta l-ghoti tas-sentenza f'kawza sommarja, dan l-istess artikolu jghid li *'meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista jkun, taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'*. Huwa interessanti li wiehed jinnota li d-dover legali huwa mpost principalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza, u dana mhux b'mod stringenti kif jindika l-kliem tal-Ligi stess « *jekk jista jkun* ». Effettivament allura, filwaqt li l-Qorti tinstab inkuraggata li taghti sentenza fuq kawza sommarja dakinhar li jinghalqu l-provi, dan ghandu jsir biss jekk dan huwa filfatt possibbli da parti tal-Qorti.

Filfatt, dan il-punt gie sollevat fil-kazfl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frank Borg** (deciza mill-Imhallef Harding) fejn b'referenza ghal din id-disposizzjoni li dak iz-zmien kienet l-Artikolu 389 tal-Kodici Kriminali, inghad li *'..l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliciment biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemmx xejn li jimpedixxili ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex titibiddel l-imputazzjoni…'*[3]. *In oltre* u in sostenn ta' dan l-argument jirrizulta ukoll li mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta' l-provi **jinghalqu**. Din kwindi ma tindika f' ebda mod li dawn il-provi kellhom jinstemghu ukoll u ilkoll fl-istess jum li inghatat is-sentenza;

Illi, ukoll, tezisti gurisprudenza kopjuza li tirrigwarda materja identika ghal dik tal-proceduri odjerni. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Dougal</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali), il-Qorti kienet irriteniet illi "*Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta.*";

[3] 6 ta' Marzu 1954, Imhallef Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D, il-Pulizija vs Frank Borg, Qorti tal-Appell (Ir-Raba Parti).

Illi, ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Sammut Peter Ferdinans k/a Pierre**, inghad illi –

*"Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u lparti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.*

*Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u*

*(i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew*

*(ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza;*

Illi, dan ifisser, kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Portelli et**, hemm zewg cirkostanzi biss fejn il-Qorti f'kawzi ta' natura sommarja hija gustifikata tghaddi ghas-sentenza fin-nuqqas ta' smiegh ta' xi xhud u dan meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li taghmel dmirha billi ma tipprezentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jigi nnotifikat ix-xhud jew meta ikun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma ikunx gie notifikat minhabba xi nuqqas minn naha tal-prosekuzzjoni. Dan kien ukoll l-istess ragunament milqugh minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija, wiehed u disghin (1991) fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il –Pulizija vs Emanuel Buttigieg** fejn intqal illi:- "*Huwa car illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tassigura li l-provi kollha li jkollha biex tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat ghandhom jingiebu l-Qorti dakinhar li tkun ser tinstema l-kawza*". Dan japplika zgur ghal kawzi sommarji (kif inhi din in desamina). Isiru arrangamenti ohra f'kawza b'hafna xhieda li ma jistghux jinstemghu f'gurnata wahda, imma zgur illi x-xhud principali bhal ma hu f'dan il-kaz ghandu jigi prodott jew tigi prodotta riferta tieghu;

**Illi, ghaldaqstant isegwi illi kif inghad iktar 'il fuq, fil-fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment zbaljata meta ghaddiet ghas-sentenza taghha u lliberat lil Mandy Cassar mill-akkuzi dedotti kontra taghha. Dana qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-parti leza, fil-procediment odjern, kien sempliciment xhud tal-Prosekuzzjoni u xhud li kien debitament notifikat mill-Prosekuzzjoni, kif jidher bic-car mir-riferta pprezentata a folio 4 tal-Atti Processwali.** Huwa vera illi l-istess parti leza ghazel li ma jidhirx ghal tali proceduri fid-data indikata, pero dan in-nuqqas certament li mhuwiex attribwibbli lill-Prosekuzzjoni! *Se mai*, in vista ta' dan kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha mezzi ohra (bhal mandat ta' akkompanjament jew sahansitra mandat t'arrest) ta' kif taccerta li l-istess kwerelant jidher ghas-seduti tal-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi u anke fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi nostrana, b'kull dovut rispett, dak li kellha taghmel l-Ewwel Onorabbli Qorti kien illi taggorna s-smiegh tal-kawza odjerna ghal data ohra u tiehu dawk il-provedimenti kollha necessarji (dejjem skond il-ligi) sabiex tassigura l-attendenza tal-partijiet ghas-seduta sussegwenti u mhux tghaddi sabiex tillibera lill-appellata kif filfatt ghamlet.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell intavolat mill-Avukat Generali fuq punt ta' procedura, appell li jirrigwarda in-nullita' tal-procediment quddiem l-Ewwel Qorti w ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment.

Minn essami ta l-atti kompilatai jidehr li l-appellata Mandy Cassar kienet giet imresqa l-Qorti u akkuzata talli hebbet ghal zewgha Wayne Cassar u kkagunatlu offizi ta' natura hfief u talli hebbet ghal persuna tieghu biex tingurjah u idejqu u taghmillu hsara. Dawn iz-zewg akkuzi huma dawk naxxenti mill-artikoli 221(3) u 339 (1) (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u huma prosegwibbli *ex ufficcio* pero peress li l-kwerelant huwa ir-ragel tal-appellata jista jaghti kaz li l-Qorti tezentah milli jaghti x-xhieda tieghu jekk jitlob tali esenzjoni ai termini tal-ligi[4] fejn l-Qorti ghandha id-deskrizzjoni tilqalux tali talba minhabba l-parentela tieghu mal-appellata.

F'dan il-kaz jidher li nhar is-17 ta' Lulju 2020 l-appellata Mandy Cassar dehret il-Qorti assistia mill-avukat difensur taghha Dr. Lennox Vella. Il-parte civile zewgha

[4] Artikolu 633 (2) tal-kodici Kriminali

Wayne Cassar gie imsejjah divesi drabi u l-prosekuzzjoni esebiet riferta prosittiva tieghu li tinsab inersita fl-atti a fol. 4. Dakinhar stess id-difiza talbet il-liberatorja waqt li l-prosekuzzjoni talbet li jinhareg mandat ta' akkompanjament fil-konfornt tal-*parte civile* u l-ewwel Qorti laqghet it-talba tad-difiza ghall-liberatorja u illiberat lill-appellata fuq nuqqas ta' provi.

L-Avukat Generali intavola dan l-appell ghaliex fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti kienet zbaljata fid-decisjoni li hadet proceduralment u dan ghaliex isostni li una volta l-prosekuzzjoni ipprezentat riferta posittiva l-Qorti messha akkordat differiment ghas-smiegh ta' dan l-istess xhud.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti, diversament preseduta fis-sentenza taghha fil-kawza **Il-Pulizija vs. Anne Montfort**[5] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs. Clive Debono**[6], fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: **Il-Pulizija vs. Mario Saliba**[7];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri**[8]; **Il-Pulizija vs. Francis Callus**[9], **Il-Pulizija vs. Anthony Zarb**[10]; **Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et.**[11] u **l-Pulizija vs. Francis Borg.**[12].

Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[13]", li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (emfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**[14] u ohrajn).

---

5 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-30 ta Settembru, 2004
6 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar l-14 ta' Settembru 2004
7 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar il-15 ta' ottubru 1982
8 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-28 ta Nejju 1993
9 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-30 ta Settembvru, 1993
10 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-22 ta' Ottubru 1993
11 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-3 ta Dicembru 1993
12 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar l-10 ta Dicembru 1993
13 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar il-5 ta Novembru 1996
14 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar il-25 ta Lulju 1994

Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. **Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**[15] u ohrajn.)

F' sitwazzjoni simili, jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih u li ma jigix ezentat milli jixhed b'ordni tal-Qorti, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara **Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[16] ). Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara **Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**[17]). F' sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b' mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera.

L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara "**Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**[18]).

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-8 ta' Jannar, 1996
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar il-5 ta' Jannar 1996
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar il-25 ta' Lulju 1994
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminlai nhar it-8 ta' Jannar, 1996

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Monica Schranz** [19] *"L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva."*

Ghaldaqstant in sostern mas-sentenzi fuq citati din il-Qorti qeda tannulla s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Lulju 2020 minħabba l-premess u qed tirrimanda l-atti kollha lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinstema' l-kawża mill-ġdid sabiex l-appellat ma jkunx ipprivat mid-doppio esame.

**Qed tirrikomanda wkoll li x-xhieda tkun reġistrata, u f'każ li jkun interpost xi appell, ix-xhieda tkun dattilografata qabel ma jintbagħtu l-atti lill-Qorti tal-Appell Kriminali.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

---

[19] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar il-21 ta Frar 1997